MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2007

Appell Civili Numru. 20/2006

**Pater Holdings Co. Limited**

**vs**

**Christopher Busuttil**

**Il-Qorti,**

Fil-31 ta' Ottubru, 2006, l-Arbitru fic-Centru Malti ta' l-Arbitragg ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> **"**Illi s-societa Pater Holdings Co. Limited (Pater) talbet li l-intimat jigi kundannat ihallas Lm2916.20 danni kagjonati fil-vettura ta' l-istess Pater meta l-intimat kien qed isuq il-vettura JBC889 u b'risultat tan-negligenza tieghu ikkaguna danni.

Fl-istatement s-societa Pater qalet: "on the 4th August 2004 whilst respondent drove claimant's vehicle number JBC889 at Mriehel Bypass, the vehicle's crank case broke and the vehicle's engine was drained from its oil. Notwithstanding the vehicle's automatic signaling in the engine's lubrication system respondent kept on driving vehicle with the consequence that the vehicle's engine seized."

Illi l-intimat ippresenta risposta fejn eccepixxa li t-talbiet ghandhom jigu michuda ghaliex:

1. it-talba ma taqax taht id-disposizzjonijiet ta' l-artiklu 1.2 ta' Part a. Skeda 4 tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ic-centru ta’ l-Arbitraggi m'ghandux gurisdizzjoni fuq dan il-kaz.
2. l-intimat m'ghandux relazzjoni guridika mar-rikorrenti la fuq bazi kuntrattwali u lanqas dilettwali.
3. illi l-intimat ezercita kura u diligenza fl-uzu tal-karozza
4. illi d-danni allegament sofferti mis-societa rikorrenti huma dovuti ghall-fatt li s-societa naqset milli tiehu hsieb il-karozza b'kura u diligenza propja.

Sema x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti. Ra n-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet.

Zamm erba’ seduti u issa jirraporta kif gej:

Konsiderazzjonijiet ta’ l-esponent:

Illi fl-ewwel eccezzjoni l-intimat isostni li c-Centru ta’ l-Arbitraggi m'ghandux gurisdizzjoni.

Illi l-artikolu 1.2 ta' Part A. Skeda 4 tal-Kap 387 tal-ligijiet ta' Malta titratta "involuntary damage to property involving vehicles". L-intimat isostni li din ma tkoprix cirkostanzi fejn il-hsara ssir fuq il-vettura nnifisha.

Illi l-artibtru jikkunsidra li l-ligi jipprovdi li "Any civil or commercial disputes, not being one in connection with a claim for damages for personal injuries, being a dispute arising from ...... (b) any involuntary damage to property involving vehicles ... shall be settled by arbitration and shall be referred to arbitration.

Illi hu l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u l-premessi taghhom li jifformaw il-parametri li fihom il-qorti tezercita l-gudizzju taghha li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha (Refalo vs. Azzopardi - Appell 7/10/1997). Fil-kawza Zammit vs. Ellul (Appell sede inferjuri 31/7/1996) gie dikjarat li l-kompetenza tal-Qorti hija finalment determinata mill-indoli ta' l-obligazzjoni in relazzjoni ghall-obbligat".

F'dan il-kaz hemm l-allegazzjoni ta' "involuntary damage" u kien involut "vehicle".

Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni hija michuda.

Illi fit-tieni eccezzjoni l-intimat jecepixxi li l-intimat ma ghandux relazzjoni guridika mar-rikorrenti.

Illi jirrisulta li kien hemm kuntratt bejn Pater u Attard & Co. L-intimat huwa impjegat ta' Attard & Co. Illi t-talba ta' Pater hija bbazata fuq allegazzjoni li kien hemm negligenza da parti tal-intimat ghalhekk dan huwa l-bazi tar-relazzjoni guridika bejn il-partijiet u ghalhekk t-tieni eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Illi fit-tielet eccezzjoni l-intimat isostni li hu ezercita kura u diligenza fl-uzu tieghu tal-karozza.

Illi skond Pater gew kagjonati hsarat fil-magna tal-vettura kawzati mill-fatt li l-vettura baqghet tinsaq mill-intimat minkejja li l-magna taghha kienet tinsab nieqsa miz-zejt. Skond Pater dan gara wara

li waqt li kien qed isuq il-vettura l-intimat intlaqat is-sump b'konsegwenza li l-istess sump beda jitlef iz-zejt.

Illi ma hemmx dubju li meta l-intimat irritorna l-vettura lill-Pater kien hemm toqba fis-sump u l-karozza ma kellhiex zejt. Illi skond l-intimat hu induna li ma kienx hemm zejt jew li kien hemm problema meta ra l-bozza tixghel. Illi f'dokument CB l-intimat jghid "as per my claim form I DO NOT RECALL hitting any object as being implied". Illi jekk ma kien hemm ebda incident fejn intlaqat is-sump wiehed kien jistenna li l-intimat jghid li ma kien hemm ebda incident u mhux li ma jiftakarx. Fil-fatt l-intimat innifsu jiddikjara li jista' jkun li s-sump laqtu meta kien fi sqaq imharbat fl-lmriehel ghalkemm b'dan huwa jghid li ma kienx induna. Illi skond is-survey kien hemm "front lower impact on bumper spoiler and lower part .... Driver must have been going at high speeds and did not stop when he hit sump as all engine oil was drained and all beneath car and rear end of car can be seen splashed with oil which reflects how driver did not stop or slow down."

Illi l-esponent isib diffikolta li jemmen l-allegazzjoni ta' l-intimat li ma jiftakarx "hitting any object". Fil-kontro-ezami l-intimat qal: "jista' jkun li hbatha f'dak it-triq, pero ma indunajtx".

Illi inoltre skond Pater, il-hsara estensiva kienet risultat tal-fatt li l-intimat baqa' jsuq wara li z-zejt hareg mill-vettura. Illi skond is-surveyor dawn il-hsarat kienu risultat tal-fatt li l-intimat baqa' jsuq il-vettura. Is-surveyor James Mercieca qal:

"Wasalt ghal din il-konkluzjoni ghaliex iz-zejt kien imtajjar ma' taht u l-parti ta' wara tal-vettura li jindika li l-vettura baqghet tinsaq ghal perjodu b'certu velocita wara li sar incident u kien hemm toqba fis-sump".

Bejn il-partijiet ma hemmx qbil dwar x'gara wara li intlaqat is-sump. Illi l-intimat jghid li kien hemm sharp turn u ra l-bozza taz-zejt iteptep. L-intimat jghid li saq xi 30, jew 50 jew 100 metru u waqaf, cempel lil Pater u qallha bis-sitwazzjoni. Impjegata ta' Pater (Antoinette Galea li hi l-leasing manager) talbet li l-intimat jigi bil-vettura sal-garage. Hu kien xi 300 metru l-boghod u saq sal- garage. Illi skond Pater huwa iktar verosimili li l-intimat saq iktar distanza minn hekk minghajr zejt. Illi l-arbitru ma jaccettax bhala skuza ghal intimat li l-leasing manager ta' Pater talbet li hu jsuq il-vettura sal-garage. Illi kien l-initmat li kellu jagixxi ta' bonus pater familias u jinsisti li ma jsuqx iktar ghaliex l-vettura ma kienitx fi stat li tinsaq. L-intimat jghid fin-nota risponsiva li bhala leasing manager tas-societa rikorrenti, Antoinette Galea kellha r-responsabilita li ma tiehux riskji u jekk kienet taf bil-fatt li kienet qed tixghel il-bozza taz-zejt kienet serja hafna kellha l-obbligu li tghid lill-intimat sabiex ma jsuqx il-vettura.

Fix-xhieda taghha Antoinette Galea qalet: "kien cempilli Christopher Busuttil u qalli li kellu bzonn replacement ghax ... li kellu ma kienitx qed tahdem tajjeb ... nikkonferma li Christopher Busuttil kien cempilli u qalli li kien sema’ hoss ... Jiena ghidtlu biex jigi l-garage u dan ghax qalli li kien wasal hdejn il-garage.

Illi l-arbitru ma jaccettax din is-sottomissjoni li kien tort ta' Antoinette Galea. Antoinette Galea ma kienitx informata li l-vettura kienet bla zejt jew li kien hemm habta u nkiser is-samp. Kien l-intimat li kellu d-dover li ma isuqx ghaliex hu kien jaf bl-istat tal-vettura. Tant hu hekk li sakemm wasal l-garage l-brejkijiet kienu iebsin u kellu jieqaf bil-handbrake. Illi kien l-intimat li induna li l-bozza kienet qieghda tixghel u kellu d-dover li jiehu decisjoni li jippreserva l-vettura li kienet fil-pussess tieghu.

L-artikolu 1031 tal-Kodici Civili jipprovdi li: "every person .... shall be liable for damage which occurs through his fault". L-artikolu 1032: "A person shall be deemed to be in fault if, in his own acts, he does not use the prudence, diligence, and attention of a bonus pater familias". Skond *Carrara* "la essenza della colpa sta tutta nella prevedibilita'". Illi l-intimat missu induna li jekk kien se jibqa' jsuq meta l-bozza kienet qieghda tixghel kien ser jaghmel hsara fil-magna. Fil-kawza Donoghue vs. Stevenson, Lord Atkin jghid: "The law requires each man to take care for his own safety, and if he fails to do so, it will not assist him".

Illi l-arbitru lanqas jaccetta l-allegazzjoni ta' l-intimat li sar l-hsara meta irriversja l-vettura fil-garage ta' Fiat. Illi Victor Aquilina xehed li "tant kemm kienet ilha minghajr zejt li l-crank shaft mal-connecting rod tal-piston gew welded ghax ma kienx hemm lubrication". Illi ma jistax ikun li dan il-welding sar meta l-vettura kienet fil-garage.

Illi l-intimat jghid li ma kienx ra zejt fuq wara meta ha l-karozza ghand il-garage. Illi z-zejt kien imtajjar ma' taht il-vettura.

L-intimat jghid ukoll li l-vettura kienet koperta minn comprehensive insurance policy a tenur tal-lease agreement u ghalhekk waqt li l-vettura kienet misjuqa mill-esponent kienet fully covered anke kontra hsara li tigri minhabba negligenza tieghu. Illi ma hemmx eccezzjoni formali dwar dan il-punt u ma intalbitx il-kjamata fil-kawza tas-societa assikuratrici. Ghalhekk l-arbitru ma jistax jiehu decisjoni fil-konfront tad-ditta assikuratrici.

Illi fl-ahhar, fin-nota ta' sottomissjonijiet l-intimat jirrileva li r-rikorrenti ghamlet biss talba wahda sabiex l-intimat ihallas Lm2916.20 minghajr talba sabiex jigi dikjarat li l-intimat huwa risponsabbli ghal hsarat. Illi din is-sottomissjoni saret fl-ahhar

> moment fin-nota u f'kull kaz f'proceduri ta' arbitragg din it-tip ta' talba hi permissibli.
>
> Ghalhekk fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lil intimat sabiex ihallas Lm2916.20 rappresentanti danni fil-vettura n-kwistjoni u l-ispejjes u l-imghax kif mitlub."

Bl-appellipprezentat minnu kontra din is-sentenza r-rikorrenti Christopher Busuttil sostanzjalment jiccensura lill-Arbitru l-apprezzament minn dan tal-provi akkwiziti. In partikulari, huwa jissottometti illi l-Arbitru applika l-ligi hazin ghaliex il-konkluzjoni decizjonali tieghu ma kienetx ibbazata fuq il-prova mis-socjeta` appellata tal-htija tieghu izda fuq l-assunt tan-nuqqas minnu tal-prova ta' l-irresponsabilita`. Hu difatti jenfasizza li ma kienx dmir tieghu li jipprova n-negattiv izda kien jaggrava dejjem fuq is-socjeta` appellata li ssostni l-allegazzjoni taghha tal-kolpa tieghu. F' kull kaz, huwa jippunta subghajh ghall-event dannuz fil-vettura fil-konfront ta' Antoinette Galea, rapprezentanti tas-socjeta` appellata. Dan jaghmlu bl-argoment li hu qaghad fuq l-istruzzjonijiet lilu moghtija minn din ir-rapprezentanti;

Is-socjeta` appellata taffronta dawn l-ilmenti ta' l-appellanti billi in linea preliminari tissolleva l-eccezzjoni ta' l-irritwalita u nullita ta' l-appell ghal motiv li dawn ma kienu jikkontjenu ebda punt ta' ligi, kif rikjest mill-Artikolu 70A ta' l-Kapitolu 387. Fit-tieni lok u fil-mertu l-istess socjeta` appellata tikkontrasta l-interpretazzjoni mill-appellanti tal-fatti billi tirritjeni li dawn ma jsostnux it-tezi tieghu ta' nuqqas ta' responsabilita` ghall-akkadut;

Hu ferm logiku li l-eccezzjoni mqanqla tinnecissita li din il-Qorti tinvesti l-punt jekk tabilhaqq l-Arbitru, kif sottomess mill-appellanti, injorax il-principju bazilari li min jallega kien obbligat bil-ligi li jipprova. Principju dan li mbaghad l-appellanti jinterpretah fis-sens illi s-socjeta` appellata

naqset milli adegwatament tipprova l-fondament tal-pretensjoni taghha tal-kolpa tieghu ghall-hsara fil-vettura;

Jibda biex jigi registrat b' osservazzjoni generali illi, kif konkordament ritenut f' gurisprudenza pacifika, biex il-htija taghti lok ghad-danni din trid tkun pruvata minn min jallegaha. Hekk jinghad illi "*quando in un giudizio di risarcimento di danni l' attore allega di aver sofferto il danno di cui reclama la rifuzione, per colpa del convenuto, egli è nell' obbligo di provare un fatto od una omissione che porti insita la prova della colpa che egli imputa al convenuto medesimo; poiche la colpa è un ipotesi giuridica e generica e finche sta nella disposizione della legge o nei trattati di scienza giuridica, ma deve assumere una forma materiale e specifica quando si imputa ad altri come cagione di danni sofferti e risarcibili*" (**Kollez. Vol. XXIV P I p 893**). Mhux dan biss pero`. Huwa jehtieglu wkoll jipprova "*che l' atto o la omissione colposa abbia avuto il nesso di causa ad effetto col pregiudizio sofferto dall' instante*" (**Kollez. Vol. XXVII P I p 687**);

Ri-affermati dawn ir-regoli in materja tal-piz tal-prova inkombenti fuq min jirreklama indennizz rizarcitorju ghad-danni pretizi, din il-Qorti, gwidata minn dawn l-istess regoli, ezaminat attentament il-lodo ta' l-Arbitru, u tista' tghid, li kemm ghal dak li jikkoncerna l-prova tal-kolpa, kemm ghall-accertament tan-ness bejn il-kawza u l-effett dannuz, l-Arbitru sewwa vvaluta l-elementi kollha tal-fattispeci ghal fini li jistabilixxi l-htija u jekk il-fatt imputat kienx objettivament u konkretament idoneju ghall-produzzjoni tad-dannu fil-vettura. F' dan l-ezercizzju l-Qorti ssib li l-Arbitru ma naqasx milli adegwatament jaffronta n-normi tal-ligi li kienu attinenti ghal kaz, senjatament dawk prospettati fl-Artikoli 1031 u 1032 tal-Kodici Civili. Proprju bl-adoperu taghhom u dawk tal-valutazzjoni minnu tal-provi huwa ddetermina li l-fatt determinanti tal-kolpa fl-appellanti kien jidderivi minn nuqqas ta' diligenza tieghu illi hu baqa' jsuq il-vettura nonostante li intravveda minn certi senjalazzjonijiet fl-

istess vettura illi kien hemm hsara f' parti mekkanika taghha;

Ikollu jinghad, fuq l-analisi li ghamlet tal-provi arbitrali, illi ghall-istess gudizzju u konkluzjoni qed tasal din il-Qorti. Fil-fehma taghha s-socjeta` appellata sewwa ddizimpenjat l-oneru inkombenti fuqha li tipprova l-htija fl-appellanti. Htija din li n-norma tal-ligi fl-Artikolu 1031 tqieghed bhala presuppost generali u fattur rilevanti ghall-fini tal-akkollar ta' l-incidenza ekonomika negattiva derivanti mill-fatt dannuz;

L-appellanti kien konfrontat minn sitwazzjoni li fiha seta' oggettivament ippreveda li kieku jibqa' jsuq il-hsara kienet ser tikber jew taccellera ruhha. Din il-prevedibilita` f' dak il-mument ma kienetx possibilita` remota jew inverosimili imma probabilita ragonevoli, kif hekk l-event posterjuri effettivament iddemostra. Meta allura l-appellanti ma kkonformax ruhu ghal kanoni objettivi ta' dik id-diligenza, prudenza u l-hsieb tal-missier tajjeb tal-familja, kif preskritt fl-Artikolu 1032, hu ghandu jitqies li kien fi htija ghal dak li sehh. Hu htieglu li fic-cirkustanzi konfrontati bihom jadotta kondotta posittiva u dawk il-mizuri ta' kawtela idoneji biex jiskansa l-accellerar tal-hsara;

Minn dan kollu l-appellanti ma ghamel xejn u anzi jinsisti b' difiza li hu ezercita kura u diligenza fl-uzu minnu tal-vettura. Jekk dan huwa hekk, id-diligenza kellha certament tiddettalu, fic-cirkustanzi maghrufa minnu, illi ma kienx prudenti li jiehu r-riskju li jkompli jsuq. Dan ghaliex f' dawk l-istess cirkustanzi d-diligenza ma setghetx tigi distakkata mill-prevenzjoni;

Huwa veru li jistghu jezistu sitwazzjonijiet fejn il-kondotta tad-danneggjat, anke jekk tramite r-rapprezentant tieghu, tista' titqies fattur determinanti ghall-eskluzjoni tar-responsabilita` ta' min ikun kagun tad-dannu. Dan qed jigi rilevat in referenza ghal dak sottomess mill-appellanti fir-

rigward ta’ Antoinette Galea, *qua* raprezentanti ta’ sid il-vettura. Irid jinghad pero`, b’ ri-affermazzjoni ta’ certi enuncjazzjonijiet tal-Qorti Taljana ta’ Kassazzjoni, illi dan huwa hekk meta l-imgieba tad-danneggjat “*si ponga come causa unica ed esclusiva dell’ evento dannoso, si da privare dell’ efficienza causale e da rendere giuridicamente irrilevante il precedente comportamento dell’ autore dell’ illecito, ma non quando nella situazione di potenzialita` dannosa creata dal fatto illecito dell’ agente, si inserisce un comportamento dello stesso soggetto danneggiato che sia preordinato proprio al fine di fronteggiare, e, se possibile, a neutralizzare le conseguenze dannose*” (**Cass. 8 ta’ Lulju 1998 Numru 6640 u C 93/11087**). Bhala punt purament fattwali, imbaghad, korrettement gie rilevat mill-Arbitru illi fil-komunikazzjonijiet telefonici li l-appellanti kellu ma’ l-imsemmija Antoinette Galea din lanqas ma kienet informata, jew xjenti, mill-fatt illi s-*samp* tal-vettura kien bla zejt;

Il-Qorti ssoffermat fit-tul anke fuq konsiderazzjonijiet ta’ fatt mhux ghaliex kellha ghalfejn taghmel dan, gjaladarba l-gudizzju tal-fatti mill-Arbitru hu insindakbbli. Ghamlitu biss biex turi illi, anke, fil-mertu, l-appellanti ma kellux raguni fl-ebda assunt tieghu. Kontrarjament, imbaghad, ghal dak sottomess minnu, lanqas ma rrizultalha illi l-Arbitru ghamel xi interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata ta’ l-ipotesijiet tal-ligi, sew in materja tal-provi, sew f’ dik tal-principji tad-dritt;

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza ta’ l-Arbitru, bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------